



# Il-Premju Access City 2022

**#EUAccessCity**

## Il-Premji Access Cities 2022 - Regoli tal-kompetizzjoni

### Werrej

1. SFOND U GĦANIJIET .....	2
2. IL-PREMJU AĊĊESS CITY (ACA) .....	3
3. IL-PROĊEDURA U L-KRITERJI GĦAN-NOMINA TA' BELT GĦALL-ACA 2021.....	3
3.1 Kriterji ta' eliġibbiltà .....	3
3.2 Esklużjoni .....	5
3.2.1 Applikabbiltà tal-pieni .....	5
3.3 Kompożizzjoni tal-Ġurija Nazzjonali u tal-Ġurija Ewropea .....	5
3.4 Il-Ġurija Nazzjonali.....	6
3.5 Il-Ġurija Ewropea.....	6
3.6 Skeda taż-żmien indikattiva .....	6
4. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI.....	6
4.2 Kriterji tal-premju .....	8
5. ARRANĠAMENTI U DATI FINALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET .....	9
6. L-INĊENTIV FINANZJARJU .....	10
6.1 Arranġamenti għall-ħlas.....	10
6.2 Responsabbiltà unika tal-kontestanti .....	10
6.3 Verifiki u awditjar .....	10
6.4 L-ipproċessar tad- <i>data</i> personali .....	10
6.5 Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni kompetenti .....	12
7. KUNDIZZJONIJIET GĦALL-KANĊELLAZZJONI TAL-KOMPETIZZJONI.....	12
8. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI .....	12
9. ANNESSI .....	12

## 1. SFOND U GĦANIJIET

L-Unjoni Ewropea tippromwovi ugwaljanza fl-opportunitajiet u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità, b'mod partikolari permezz tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, li hija l-għodda ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD). Parti fundamentali minn din l-istrateġija tinvolvi l-ħidma lejn Ewropa mingħajr ostakoli, bl-aċċessibbiltà li tkun "faċilitatur tad-drittijiet, tal-awtonomija u tal-ugwaljanza". F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-Premju Access City (ACA) fl-2010.

Billi l-Ewropa issa hija essenzjalment soċjetà urbana, b'erbgħa minn kull ħames ċittadini tal-UE jgħixu fi bliet u bliet żgħar. Madwar 87 miljun persuna b'diżabilità<sup>1</sup> jgħixu fl-UE u l-popolazzjoni Ewropea qed tixjieħ. L-aċċessibbiltà fil-bliet hija għalhekk essenzjali.

L-objettiv tal-Premju Access City huwa li jqajjem kuxjenza u jesprimi tħassib dwar kwistjonijiet ta' diżabilità kif ukoll jippromwovi l-aċċessibbiltà għal kulħadd fil-bliet Ewropej. Il-Premju Access City jipprema bliet ta' aktar minn 50,000 abitant li huma ta' eżempju f'dawn l-oqsma. Jinkoraġġixxi wkoll lil kull belt fl-Unjoni Ewropea biex tiżgura aċċess ugwali għall-ħajja urbana għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani. B'dan il-mod, il-bliet Ewropej jistgħu jiġu ispirati u jaħdmu flimkien lejn innovazzjonijiet konkreti. Barra minn hekk, is-sodisfazzjon involut fir-rebbieħ ta' premju Ewropew prestiġjuż jstimula lill-bliet biex jinvestu f'aktar sforzi u jagħti spinta lis-sensibilizzazzjoni kemm fil-belt kif ukoll fi bliet oħra. Premju bħal dan jippermetti lill-bliet jspiraw lil xulxin u jaqsmu eżempji ta' prattiki tajba *in situ*. Il-bliet rebbieħa kollha huma magħrufa għar-rekord konsistenti tagħhom li jksbu standards ta' aċċessibbiltà għolja u impenn għal għanijiet ambizzjużi.

**Il-Premju Access City jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-bliet biex isiru aktar aċċessibbli; jippromwovi aċċess ugwali għall-ħajja urbana għal persuni b'diżabilità u jippermetti lill-awtoritajiet lokali jippromwovu u jaqsmu l-aħjar prattiki tagħhom.** Il-Premju Access City jirrikonoxxi u jiċċelebra r-rieda, l-abbiltà u l-isforzi ta' belt biex issir aktar aċċessibbli, sabiex:

- tiggarrantixxi aċċess ugwali għad-drittijiet fundamentali;
- ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni tagħha u tiżgura li kulħadd – irrispettivament mill-età, il-mobilità jew l-abbiltà – ikollu aċċess ugwali għar-riżorsi u l-pjaċiri kollha li għandhom joffru l-bliet.

Kull sena, il-Premju Access City jipprema tliet ibliet: l-ewwel (l-uniku rebbieħ tat-titlu ta' Belt Aċċessibbli għal sena partikolari), it-tieni u t-tielet post. Il-bliet applikanti jistgħu jirċievu wkoll referenza speċjali, skont il-prijoritajiet tal-politika annwali jew punti ewlenin speċifiċi tas-sottomissjonijiet.

Il-messaġġ ġenerali li l-iskema tal-premju għandha l-għan li tikkomunika lil-livell lokali huwa li **l-Ewropej għandhom dritt li jgħixu f'żoni urbani fejn is-servizzi u l-attivitajiet ta' divertiment għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-bliet għandhom għalhekk jagħmlu ħilithom biex itejbu l-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tagħhom billi jtejjbu l-aċċessibbiltà.**

---

<sup>1</sup> *Data*: UE-SILC (Statistika dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien) u LFS tal-UE (Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol). 24.7 % tal-popolazzjoni tal-UE li għandhom > 16-il sena huma limitati fl-attivitajiet tagħhom, 17.7 % għandhom limitazzjonijiet moderati, 7 % għandhom limitazzjonijiet severi; S. S. Grammenos/M. Priestley, 2020: Europe 2020 data and people with disabilities.

Aktar informazzjoni dwar il-Premju Access City tinsab fuq is-sit web uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea: <https://ec.europa.eu/social/accesscityaward> .

## 2. IL-PREMJU AĊĊESS CITY (ACA)

Il-Kummissjoni Ewropea beħsiebha tagħżel ir-rebbieħ tat-titlu ACA 2022 wara kompetizzjoni fl-Ewropa kollha.

Il-premju huwa miftuħ għall-bliet ta' aktar minn 50 000 abitant f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Fi Stati Membri b'inqas minn żewġt ibliet bħal dawn, żoni urbani komposti minn żewġt ibliet żgħar jew aktar jistgħu jipparteċipaw ukoll jekk il-popolazzjoni tagħhom flimkien taqbeż il-50,000 abitant.

L-eżitu tal-proċess tal-għażla tal-Premju Ewropew Access City huwa li jingħata t-titlu tal-Belt Aċċessibbli tal-UE 2022 lil tliet ibliet rebbieħa (l-ewwel, it-tieni u t-tielet post).

Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tal-Premju (ACA2020), il-Kummissjoni Ewropea se tagħti inċentiv finanzjarju ta' EUR 350,000. Dan l-ammont għandu jinqasam bejn it-tliet ibliet rebbieħa.

**Għal dak il-għan, is-sejħa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għoti tat-titlu tal-Belt Aċċessibbli tal-UE 2022 għandha titqies ukoll bħala r-regoli tal-kompetizzjoni għall-għoti tal-inċentiv finanzjarju<sup>2</sup>.**

It-titlu tar-rebbieħ tal-Premju Access City għas-sena 2022 ("is-sena tat-titlu") u l-inċentiv finanzjarju għandu jingħata fis-sena 2021 ("is-sena tal-għoti") skont il-proċedura u bbażat fuq il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3. Il-ħlas tal-inċentiv finanzjarju jseħħ f'pagament wieħed u huwa soġġett u rregolat mir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6 ta' dan id-dokument.

Ir-regoli attwali tal-kompetizzjoni huma stabbiliti u ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, li se tnedi u timmaniġġja l-kompetizzjoni bl-appoġġ tas-Segretarjat estern tal-ACA. L-inċentiv finanzjarju se jkun immaniġġjat biss mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali.

## 3. IL-PROĊEDURA U L-KRITERJI GĦAN-NOMINA TA' BELT GĦALL-ACA 2022

Il-bliet se jingħataw it-titlu tar-rebbieħ tal-Premju Access City 2022 wara kompetizzjoni bejn il-bliet applikanti. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għad-dħul fil-kompetizzjoni huma spjegati hawn taħt.

### 3.1 Kriterji ta' eliġibbiltà

It-titlu tar-rebbieħ tal-Premju Access City 2022 se jingħata lil **tliet** ibliet (l-ewwel, it-tieni u t-tielet post). Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni għall-Premju Access City 2022 hija miftuħa għall-applikanti li ġejjin:

- Il-korp li qiegħed jissottometti għandu jkun awtorità governattiva ta' belt ta' aktar minn 50 000 abitant f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. "Belt" tinftiehem bħala żona urbana, esklużi ż-żoni metropolitan, żoni urbani akbar u konurbazzjonijiet, u tinftiehem bħala unità

---

<sup>2</sup> L-inċentiv finanzjarju propost se jsegwi r-regoli dwar il-premji kif stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (Titlu IX, Artikoli 206 u 207).

amministrattiva mmexxija mill-kunsill tal-belt jew minn forma oħra ta' korp governattiv maħtur b'mod demokratiku.

- Fi Stati Membri tal-UE b'inqas minn żewġt ibliet/Entitajiet amministrattivi b'hal dawn, żoni urbani komposti minn żewġt ibliet żgħar jew aktar jistgħu jipparteċipaw ukoll jekk il-popolazzjoni kkombinata tagħhom taqbeż il-50,000 abitant.
- **Ir-rebbieħa tal-passat tal-ewwel post ma jistgħux japplikaw** għal perjodu ta' ħames snin wara li rebħu t-titlu ta' Access City għal sena partikolari<sup>3</sup>.
- Il-firmatarju għandu jkun is-Sindku jew ir-rappreżentant tal-belt tal-ogħla grad, awtorizzat, bil-liġi nazzjonali, biex jirrappreżenta l-belt b'mod legali.

Il-kandidati kollha għandhom jimlew it-taqsimiet kollha tal-formola tal-applikazzjoni komuni għall-Premju Access City 2022 (ara l-**Anness I**). Bliet kandidati huma mistiedna jikkonformaw mar-rekwiżiti formali li ġejjin meta jfasslu l-applikazzjoni tagħhom. L-applikazzjonijiet li ma jsegwux dawn ir-rekwiżiti fl-istadju tal-preselezzjoni m'għandhomx jiġu eżaminati aktar:

- **L-applikanti huma m'hegħa jissottomettu l-proposta tal-proġett tagħhom bl-Ingliż**, sabiex jiffaċilitaw it-trattament tal-proposti u jħaffu l-proċess ta' evalwazzjoni. Ta' min jinnota, madankollu, li l-proposti sottomessi bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE se jiġu aċċettati.
- L-applikazzjonijiet għandhom isiru billi timtela u tiġi sottomessa l-formola tal-applikazzjoni online sal-**iskadenza tat-8 ta' Settembru 2021 (indikattiva)**, 24:00 CET.
- Il-bliet kandidati għandhom iwiegħbu l-mistoqsijiet kollha, jimlew it-taqsimiet kollha tal-formola tal-applikazzjoni u jaderixxu mal-limiti tal-kliem indikati għal kull taqsima tal-formola tal-applikazzjoni. Kwalunkwe kliem li jaqbeż il-limiti speċifikati mhux se jiġi kkunsidrat u jista' jħalli t-tweġibiet tal-applikazzjoni inkompleti.
- Għall-istadju ta' preselezzjoni, l-applikazzjonijiet għandhom jaderixxu mal-limiti tal-kliem indikati għal kull taqsima tal-formola tal-applikazzjoni. Kwalunkwe kliem li jaqbeż il-limitu speċifikat mhux se jiġi kkunsidrat u jista' jħalli t-tweġibiet tal-applikazzjoni inkompleti. Il-bliet/l-entitajiet jistgħu jiġu kkuntattjati mis-Segretarjat f'każ ta' żbalji klerikali u/jew amministrattivi jew għal dokumenti nieqsa.

Kull kandidat għandu jimla t-taqsimiet kollha tal-**għodda online**<sup>4</sup>. Minbarra l-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni, il-kandidati għandhom itellgħu d-dikjarazzjoni tas-Sindku, id-Dikjarazzjoni tal-unur, il-Formola tal-Entità Legali (LEF) u l-Formola tal-Identifikazzjoni Finanzjarja (FIF) (ara l-annessi fit-Taqsima 9). Il-kandidati huma wkoll mistiedna jtellgħu – jew jipprovdu link għal – preżentazzjoni PowerPoint ta' għaxar slajds 5 sabiex juru u jenfasizzaw il-punti pożittivi tal-applikazzjoni tagħhom.

Massimu ta' ħames fajls (id-daqs massimu ta' fajl wieħed huwa 10 MB) jew links jistgħu jiġu mtellgħin. Il-fajls imtellgħin jistgħu jkunu bil-lingwa(i) nazzjonali tal-pajjiżi SM tal-UE, li qegħdin jieħdu sehem fil-kompetizzjoni.

Kull dokument imtella' jrid jingħata isem xieraq. L-isem tal-fajl għandu jiddikjara b'mod ċar dak li jirrappreżenta jew dak li fih il-fajl.

---

<sup>3</sup> Din id-dispożizzjoni daħlet fis-seħħ f'Novembru 2019 fl-okkażjoni tal-ACA 2020 u tapplika biss għall-bliet li rebħu l-ewwel post fil-kompetizzjoni tal-ACA.

<sup>4</sup> L-għodda online se tkun aċċessibbli b'mod partikolari permezz tas-sit web tal-Premju Access City: [www.ec.europa.eu/social/accesscityaward2022](http://www.ec.europa.eu/social/accesscityaward2022)

<sup>5</sup> Formati tal-file aċċettati huma: doc, docx, rtf, pps, ppsx, ppt, pptx, xls, xlsx, pdf, zip, gif, jpeg, jpg, png.

In-Nota ta' Gwida tal-ACA għall-applikanti (**I-Anness II**) għandha tingara flimkien mal-Formola ta' applikazzjoni għall-Premju Ewropew Access City 2022.

### 3.2 Esklużjoni

Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala awtorità kontraenti, tista' teskludi parteċipanti li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija mill-Artikoli 136 u 141 tar-Regolament Finanzjarju. Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness IV (Dikjarazzjoni tal-unur).

#### 3.2.1 Applikabbiltà tal-pieni

Jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi fuq applikanti, li huma ħatja ta' dikjarazzjoni falza, jekk xi waħda mid-dikjarazzjonijiet jew l-informazzjoni pprovduta bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'din il-proċedura tirriżulta li hija falza, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 138 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u fi proporzjon mal-valur tal-inċentiv finanzjarju.

### 3.3 Kompożizzjoni tal-Ġurija Nazzjonali u tal-Ġurija Ewropea

Se tiġi stabbilita Ġurija Nazzjonali fl-Istati Membri fejn il-bliet japplikaw. Il-Ġuriji Nazzjonali huma magħmula minn minimu ta' tlieta u massimu ta' ħames membri b'esperjenza f'oqsma differenti. Fi prinċipju, il-kompożizzjoni tal-Ġurija Nazzjonali se jkollha l-istruttura li ġejja:

- Rappreżentant wieħed mill-Kunsill Nazzjonali tad-Diżabilità.
- Rappreżentant wieħed minn amministrazzjoni nazzjonali responsabbli mill-politika tad-diżabilità.
- Espert wieħed fl-aċċessibilità.
- President wieħed (jekk mhux membru ta' waħda mit-tliet kategoriji msemmija hawn fuq).
- Espert wieħed għat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Membri tal-ġuriji għandhom status ugwali u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'konsens. Ir-rwol tal-president huwa li jikkoordina x-xogħol tal-Ġurija Nazzjonali.

Il-membri tal-ġurija għandhom il-kompitu li jivvalutaw l-applikazzjonijiet sottomessi mill-bliet (ara t-taqsim 4.2 t'hawn taħt). Il-valutazzjoni se tinkludi evalwazzjonijiet kwalitattivi, u rieżami bejn il-pari ta' kull applikazzjoni. Il-Ġuriji Nazzjonali se jistabbilixxu lista qasira ta' massimu ta' tliet bliet għal kull Stat Membru bbażata fuq il-klassifikazzjoni, skont il-kriterji, kif stabbilit fit-Taqsim 4.1.

Il-kandidati nazzjonali li jgħaddu għat-tieni fażi tal-kompetizzjoni se jiġu vvalutati mill-Ġurija Ewropea. Mill-inqas tliet persuni se jagħmlu parti mill-Ġurija Ewropea. Huma se jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea u mill-inqas tnejn mill-organizzazzjonijiet u/jew l-oqsma ta' kompetenzi li ġejjin:

- Il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità.
- Pjattaforma Age tal-Ewropa.
- Espert fl-ambjent mibni u l-ispażji pubbliċi.
- Espert fit-trasport u infrastruttura relatata.
- Espert fl-IT.
- Espert fil-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi.

Il-Ġurija Ewropea (ara t-Taqsima 4.3), se tivvaluta aktar il-bliet magħżula billi tapplika l-istess kriterji u rati massimi użati mill-Ġuriji Nazzjonali u deskritti fit-Taqsimiet 4.1. u 4.2. ta' hawn taft.

### 3.4 Il-Ġurija Nazzjonali

Id-Direttorat Ġenerali għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità stabbilixxa l-Ġuriji. Il-membri tal-Ġurija Nazzjonali jwettqu l-kompiti tagħhom *pro bono* u huma appoġġjati mis-Segretarjat tal-Premji Access City. L-għan tal-Ġurija Nazzjonali huwa li tagħżel sa tliet ibliet (imsejħa kandidati nazzjonali), fost l-applikanti nazzjonali, skont il-kriterji ta' evalwazzjoni deskritti fit-Taqsima 4.1. Huma għandhom ukoll jikkomunikaw il-bliet magħżula lis-Segretarjat tal-Premju. Il-kompiti tal-Ġurija Nazzjonali huma stabbiliti fit-Taqsima 4.1. Il-membri tal-Ġurija Nazzjonali huma individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom u jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. L-individwi maħtura bħala membri tal-Ġurija Nazzjonali f'kapaċità personali jridu jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jissottomettu "dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess" permezz tal-pjattaforma online ddedikata għall-proċess tal-għażla tal-ACA. Kull membru tal-Ġurija Nazzjonali se jwettaq il-kompitu tiegħu mill-bogħod, permezz tal-pjattaforma online; skambju ta' e-mails u/jew permezz ta' telefonati.

### 3.5 Il-Ġurija Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea se jaħtar il-membri tal-Ġurija Ewropea. Il-Ġurija Ewropea se tkun komposta kif stabbilit fit-Taqsima 3.3. Il-kompiti tal-Ġurija huma stabbiliti fit-Taqsima 4.1 ta' hawn fuq. Il-membri tal-Ġurija Ewropea huma individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom u jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. L-individwi maħtura bħala membri tal-Ġurija Ewropea f'kapaċità personali għandhom jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jiffirmaw "dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interessi" (skont l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju) fil-laqgħa tal-ġurija tal-UE. Kull membru tal-Ġurija Ewropea se jwettaq il-kompitu tiegħu mill-bogħod, permezz tal-pjattaforma online; skambju ta' e-mails u/jew permezz ta' telefonati.

### 3.6 Skeda taż-żmien indikattiva

Kompiti	Perjodu indikattiv
Il-ftuħ tal-applikazzjonijiet	Bidu ta' Ġunju 2021
L-għeluq tal-applikazzjonijiet	It-8 ta' Settembru 2021, 24:00 CET
Evalwazzjoni mill-ġuriji nazzjonali	Bidu ta' Ottubru 2021
Evalwazzjoni mill-Ġurija Ewropea	L-aħħar ta' Ottubru 2021
Informazzjoni lill-Applikanti	Nofs Novembru 2021
Iċ-Ċerimonja tal-Premju Access City	It-3 ta' Diċembru 2021

## 4. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI

### 4.1. Proċess ta' Għażla u Evalwazzjoni

L-għażla tal-bliet li għandhom jiġu ppremjati bit-titlu tal-Belt Aċċessibbli tal-UE 2022 hija vvalutata abbażi ta' sett standard ta' kriterji ta' evalwazzjoni biex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u l-ekwità fil-proċess.

Il-kriterji użati u l-piż tagħhom huma speċifikati fit-Taqsima 4.2. Il-bliet applikanti fil-livell nazzjonali li ma jkсібux tal-inqas 60 punt ma jistgħux jiġu ammessi fil-livell Ewropew tal-kompetizzjoni.

L-għażla ssir f'żewġ fażijiet: **preselezzjoni** fil-livell nazzjonali u **għażla finali fil-livell Ewropew**. Is-Segretarjat tal-ACA għandu jivverifika l-applikazzjonijiet irċevuti dwar ir-rekwiżiti formali u legali kif stabbiliti fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2. L-applikazzjonijiet li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx jiġu eżaminati aktar u jiġu esklużi mill-kompetizzjoni

➤ *Il-preselezzjoni*

Il-fażi ta' preselezzjoni se ssir mill-Ġuriji Nazzjonali. Dawn il-Ġuriji se jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru fejn il-bliet applikaw għall-kompetizzjoni tal-ACA. Lista qasira ta' massimu ta' tliet ibliet għal kull Stat Membru (definiti bħala kandidati nazzjonali) se tiġi nnominata mill-Ġuriji Nazzjonali u sottomessa lill-membri tal-Ġurija Ewropea. Il-bliet mhux magħżula se jirċievu komunikazzjoni mal-valutazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom.

➤ *L-Għażla Finali*

Mill-kandidati nazzjonali magħżula fil-preselezzjoni, il-Ġurija Ewropea tagħżel ir-rebbieħa tal-ewwel, it-tieni u t-tielet post.

Barra minn hekk, il-Ġurija tal-UE tista' tiddeċiedi li tagħti "Referenza Speċjali" oħra jew aktar skont il-kuntest attwali u l-proġetti/politiki jew punti ewlenin speċifiċi tas-sottomissjonijiet (eż. aċċess għall-wirt kulturali<sup>6</sup>; aċċess għax-xogħol; bliet intelliġenti, eċċ.).

Il-valutazzjoni tal-Ġuriji Nazzjonali tal-bliet magħżula hija ppreżentata lill-Ġurija Ewropea fil-forma ta' Rapport ta' Valutazzjoni, qabel il-laqgħa tal-Ġurija u sservi bħala dokument ta' sfond għad-deliberazzjoni tal-Ġurija. Bliet mhux magħżula jirċievu komunikazzjoni li tagħti dettalji dwar kif il-belt tista' ttejjeb l-applikazzjoni tagħha għal edizzjonijiet futuri tal-kompetizzjoni. Madankollu, din il-komunikazzjoni tal-aħħar ma tkunx disponibbli pubblikament u hija għall-użu tal-belt rilevanti biss.

➤ *Deliberazzjonijiet tal-Ġurija*

Il-membri tal-Ġurija Ewropea jiltaqgħu fi Brussell jew online mhux aktar tard minn xahar qabel iċ-Ċerimonja tal-Premju<sup>7</sup>. Il-Ġurija taħtar, b'konsens, ir-rebbieħ, it-tieni u t-tielet post kif ukoll il-bliet li jingħataw referenza speċjali, jekk ikun hemm. Id-deliberazzjoni tagħhom se tkun ibbażata fuq ir-Rapport ta' valutazzjoni li rċevew il-Ġuriji Nazzjonali.

Għall-fini tat-trasparenza tal-proċess ġenerali, is-sejbiet tal-Ġurija tal-UE dwar l-ewwel tliet ibliet rebbieħa għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-ACA.

➤ *L-Istadju tal-premjju*

---

<sup>6</sup> Bħala segwitu għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

<sup>7</sup> Il-Ġuriji nazzjonali għandhom iwettqu l-preselezzjoni tagħhom qabel nofs Ottubru u s-seduti tal-Ġurija tal-UE se jiġu organizzati qabel l-aħħar ta' Ottubru 2021 kif stabbilit fit-Taqsima 3.6.



Ir-rebbieħ tal-Premju Ewropew Access City 2022 se jitħabbar ufficialment fiċ-Ċerimonja tal-Premju fi Brussell jew online fit-3 ta' Diċembru 2021.

## 4.2 Kriterji tal-premju

Kemm il-membri tal-Ġurija Nazzjonali kif ukoll tal-UE se jivvalutaw il-bliet kandidati abbażi tal-kriterji ta' evalwazzjoni li ghejjin:

### 1) Rilevanza għall-għanijiet

L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet, il-politiki u l-inizjattivi - kemm jekk diġà għew implimentati jew fl-istadju tal-ippjanar - fl-erba' oqsma ewlenin tal-aċċessibbiltà:

- a. l-ambjent mibni u spazji pubbliċi;
- b. it-trasport u infrastruttura relatata;
- c. informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (IT);
- d. faċilitajiet u servizzi pubbliċi.

L-applikant rebbieħ huwa mistenni li juri approċċ koerenti għall-aċċessibbiltà fl-erba' oqsma kollha u viżjoni ambizzjuża fl-indirizzar tal-aċċessibbiltà fil-belt.

### 2) Is-sjeda, il-livell ta' impenn

L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-istrutturi jew il-qafas stabbilit fl-amministrazzjoni tal-belt sabiex jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' aċċessibbiltà. **L-applikazzjonijiet għandhom juru li l-azzjonijiet implimentati jew ippjanati huma parti minn strateġija jew qafas ta' politika koerenti u mhux sempliċement proġetti *ad hoc*.** L-istrateġija tal-aċċessibbiltà għall-wirt kulturali għandha tiġi integrata fil-politiki tal-belt u r-regolamenti tagħha. Dikjarazzjoni/impenn ta' politika dwar l-aċċessibbiltà f'livell għoli ta' responsabbiltà għandhom ikunu viżibbli. Għandha tingħata informazzjoni dwar ir-riżorsi xierqa (persunal, baġit, eċċ.) allokatu għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. Il-kunsiderazzjonijiet tal-ispiża tal-aċċessibbiltà għandhom jingħaqdu mal-valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija.

### 3) L-impatt

Il-politiki/inizjattivi tal-belt għandu jkollhom impatt pożittiv li jista' jintwera fuq il-ħajja ta' kuljum tal-persuni b'diżabilità, u fuq il-kwalità ġenerali tal-ħajja fil-belt. Għandhom jingħataw eżempji ta' inizjattivi li inizjalment ikunu mmirati lejn il-persuni b'diżabilità, fejn jiġi spjegat kif huma ta' benefiċċju wkoll għal partijiet usa' tal-popolazzjoni, fejn ikun rilevanti. L-applikanti għandhom jinkludu *data* kwalitattiva u kwantitattiva sabiex jappoġġjaw id-dikjarazzjonijiet ta' suċċess u jagħtu eżempji konkreti. Huwa importanti li jissemma/jissemmew il-proġett(i) – jekk hemm - li jinvolvi(u) persuni b'diżabilità intellettuali. L-inizjattivi u l-politiki ppjanati se jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-koerenza u l-impatt potenzjali tagħhom.

### 4) Il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati

L-applikanti għandhom jispjegaw liema strutturi, mekkaniżmi u proċessi għew stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba. **Il-kwalità tar-riżultati hija definita f'termini ta' titjib magħmul fil-livell tal-aċċessibbiltà u fit-titjib tal-konformità mal-istandards u mal-leġiżlazzjoni.** Il-kisba ta' riżultati sostenibbli teħtieġ sforzi kontinwi, riżorsi siguri u l-istabbiliment ta' struttura soda; mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ (għall-kontroll



regolari, in-notifika u s-soluzzjoni ta' problemi, l-indirizzar tal-ilmenti, eċċ.) huma essenzjali għall-evalwazzjoni tas-suċċess.

#### 5) L-involvement ta' persuni b'diżabilità u sħab rilevanti

L-involvement attiv u ċar ta' persuni b'diżabilità, tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u ta' esperti fl-aċċessibbiltà għandu jintwera kemm fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni kif ukoll fiż-żamma tal-politiki u tal-inizjattivi tal-belt immirati biex iżidu l-aċċessibbiltà. L-applikanti għandhom jenfasizzaw ukoll kif iqajmu kuxjenza dwar l-aċċessibbiltà; u jekk ixerrdux, jiskambjawx u jaqsmux l-esperjenza u l-prattiki tajba ma' bliet oħrajn fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropeu u l-mod kif jagħmlu dan.

Kriterju	Numru massimu ta' punti
1. Rilevanza għall-għanijiet	20
2. Sjieda, livell ta' impenn	20
3. Impatt	20
4. Kwalità u sostenibbiltà tar-riżultati	20
5. L-involvement ta' persuni b'diżabilitajiet u sħab rilevanti	20
<b>TOTAL</b>	100

### 5. ARRANĠAMENTI U DATI FINALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJET

Il-kompetizzjoni se tkun mill-15 ta' Ġunju 2021 sat-8 ta' Settembru 2021 (Indikattiva). Sabiex tissottometti applikazzjoni kompluta online, għandu jiġi pprovdut dan li ġej:

- Formola ta' applikazzjoni online mimlija (Anness I);
- Id-Dikjarazzjoni tas-Sindku rilevanti (l-Anness III għandu jiġi ffirmat mis-Sindku jew l-ogħla Rappreżentant tal-Belt, awtorizzat mil-liġi nazzjonali biex jirrappreżenta l-belt/iż-żona urbana b'mod legali) kif ukoll id-dokumenti l-oħra meħtieġa kif stabbiliti fit-Taqsima 3.1

Il-formola tal-applikazzjoni trid tiġi sottomessa permezz tal-**għodda online biss aċċessibbli fuq is-Sit web tal-Premju Access City**. L-applikazzjonijiet iridu jintlewi kollha u jiġu sottomessi. Minbarra l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola ta' applikazzjoni, il-kandidati huma mistiedna jtellgħu – jew jibagħtu links lil – sa ħames dokumenti li jappoġġjaw u juru l-punti b'saħħithom tal-applikazzjoni.

Il-mistoqsijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lis-Segretarjat: [secretariat@accesscityaward.eu](mailto:secretariat@accesscityaward.eu)

Il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet huwa (b'mod indikattiv) sat-8 ta' Settembru 2021 fl-24:00 CET (GMT +1). Ladarba l-applikazzjoni tiġi sottomessa, tidher paġna ta' konferma. L-applikazzjonijiet sussegwentement se jgħaddu minn validazzjoni u l-applikanti jiġu infurmati mhux aktar tard minn xahrejn wara l-iskadenza tas-sottomissjoni stabbilita hawn fuq jekk l-applikazzjoni tagħhom ġietx aċċettata fil-kompetizzjoni jew le.

Għal rekwiżiti formali, jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' hawn fuq.

## 6. L-INĊENTIV FINANZJARJU

L-ammont totali tal-inċentiv finanzjarju huwa ta' EUR 350,000 (tliet mija u ħamsin elf euro). Għandu jingħata lit-tliet ibliet rebbieħa tal-Premju Access City.

Il-fondi għandhom jiġu allokati kif ġej:

1. EUR 150,000 lir-rebbieħ tat-titlu ta' Accessible City 2022 (l-ewwel post)
2. EUR 120,000 lir-rebbieħ tat-tieni post
3. EUR 80,000 lir-rebbieħ tat-tielet post

### 6.1 Arranġamenti għall-ħlas

Ir-rebbieħa tal-Premji Access City se jitħabbru fiċ-Ċerimonja tal-Premju (ara Taqsima 4.1). L-inċentiv finanzjarju se jiġi ppremjat permezz ta' trasferiment bankarju wara t-tħabbir u n-nomina tal-bliet rebbieħa fiċ-Ċerimonja tal-Premju uffiċjali. L-ammont se jitħallas f'pagament wieħed imwettaq fi żmien 60 jum mill-aħbar uffiċjali tar-rebbieħa. L-informazzjoni finanzjarja meħtieġa (ara **I-Annessi IV, V u VI**) għandha tiġi sottomessa flimkien mal-applikazzjoni.

### 6.2 Responsabbiltà unika tal-kontestanti

Il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-ACA ma jstgħux jinżammu responsabbli għal kwalunkwe talba li għandha x'taqsam mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kompetizzjoni tal-Premji Ewropej Access City mill-kontestant. Il-Kummissjoni m'għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat jew sostnut minn xi wieħed mill-kontestanti, inkluż kwalunkwe dannu kkawżat lil partijiet terzi bħala konsegwenza ta' jew matul l-implimentazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-kompetizzjoni.

### 6.3 Verifiki u awditjar

Ladarba l-uffiċjal li jawtorizza tal-Kummissjoni Ewropea jkun stabbilixxa d-deċiżjoni tal-għotja għall-inċentiv finanzjarju, il-kontestanti jaċċettaw li l-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jstgħu jwettqu verifiki u awditjar fir-rigward tal-kompetizzjoni u l-inċentiv finanzjarju rċevut.

### 6.4 L-ipproċessar tad-*data* personali

Il-Kummissjoni hija marbuta bir-Regolament 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. L-informazzjoni Finanzjarja kollha li hija meħtieġa tinkludi l-Formola tal-Entità Legali tal-Belt u l-Formola tal-Identifikazzjoni Finanzjarja ffirmati kif suppost. Id-*data* personali li tinsab bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni sottomessa għandha tiġi pproċessata skont ir-regolamenti fis-seħħ. Il-kontestanti jstgħu, fuq talba bil-miktub, jiksbu aċċess għad-*data* personali tagħhom u jikkoreġu kull informazzjoni li mhijiex eżatta jew mhux kompluta (ara t-Taqsima 8 għad-dettalji ta' kuntatt). Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi awtorizzata tippubblika jew tirreferi għall-informazzjoni li ġejja, fi kwalunkwe forma u fuq jew bi kwalunkwe mezz:

- L-isem tal-belt rebbieħa

- L-ammont tal-inċentiv finanzjarju ppremjat

- Is-suġġett tal-premju

## 6.5 Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni kompetenti

Rigward l-għoti u l-ħlas tal-inċentiv finanzjarju, tapplika l-Liġi tal-Unjoni. Il-qorti kompetenti jew it-tribunal tal-arbitraġġ li jisimgħu tilwimiet fil-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: General Court Rue du Fort Niedergrünwald L-2925 Luxembourg Tel: (352) 4303-1, Fax: (352) 4303 2100, E-mail: GeneralCourt.Registry@curia.europa.eu

## 7. KUNDIZZJONIJIET GĦALL-KANĊELLAZZJONI TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni għandha d-dritt li ttejjem il-kompetizzjoni qabel id-data tal-għeluq tagħha mingħajr l-ebda obbligu li tagħti u tindennizza lill-parteċipanti tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni għandha d-dritt tiddeċiedi li ma tagħti l-ebda inċentiv finanzjarju jekk l-ebda applikazzjoni ma tiġi rċevuta, jekk l-ebda applikazzjoni ma tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà jew jekk il-Ġurija tiddeċiedi li ma tippromponix għotja tal-inċentiv finanzjarju lil kwalunkwe mill-applikazzjonijiet eliġibbli.

## 8. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Il-proċess tal-applikazzjoni, ix-xogħol tal-Ġuriji Nazzjonali u Ewropej huma ffaċilitati mis-Segretarjat tal-ACA, li huwa mmexxi minn Ecorys Europe EEIG. Is-Segretarjat jgħin ukoll fl-attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi dwar l-iskema tal-premju permezz tas-sit web tal-ACA u permezz ta' diversi kanali ta' komunikazzjoni bħal mhuma fuljetti, midja soċjali u filmati eċċ. Ikkuntattja lis-Segretarjat permezz tal-E-mail: [secretariat@accesscityaward.eu](mailto:secretariat@accesscityaward.eu) jew il-Kummissjoni Ewropea fuq: [EMPL-EDPD-ACA@ec.europa.eu](mailto:EMPL-EDPD-ACA@ec.europa.eu).

## 9. ANNESSI

I Formola ta' applikazzjoni

II Nota ta' Gwida

III Dikjarazzjoni tas-sindku

IV Dikjarazzjoni tal-unur

V Formola tal-Entità Legali (LEF)

VI Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja (FIF)

